**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 233/2023**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Francis (Tarcisio ) Galea**

**<u>Illum, 8 ta' Jannar, 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Francis ( Tarciso) Galea** detenur tal-karta tal-identita Maltija **289358M** , akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fix-xahar ta' Marzu 2020 u fix-xhur ta' qabel, bħala d-direttur ewlieni tal-kumpanija 'Holden Company Ltd' (C109) u bħala l-persuna responsabbli min ' Ramla Bay Resort' sitwata fi' Triq ir-Ramla l-Mellieħa, operajt faċilita sekodarja tal-ħżin tal-petroleum mingħajr il-permessi neċċesarji tar-ragolatur għal-enerġija u ilma ta' Malta, bi ksur ta' **Leġislazjoni Sussidarja 545.22 3(b).**

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom 'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-6 ta' Ġunju, 2023, għar-raġunijiet mogħtija, wara li rat Regolament 3(b) tal-Leġislazzjoni Sussidarja 545.22, iddikjarat lill-imputat Francis ( Tarcisio) Galea ħati tal-imputazzjonijiet dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' għaxart elef ewro ( €10,000).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Francis (Tarcisio) Galea, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-21 ta' Ġunju,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

Filwaqt li jagħmel referenza għal provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, jirriserva minn issa d-dritt tiegħu li jressaq dawk il-provi ulterjuri permessi mil-liġi;

Jitlob bir-rispett li dinha l-Onorabbli Qorti jogħġoba tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per Maġistrat Dr.Charmaine Galea LL.D tal-6 ta' Ġunju 2023 billi tirrevoka in kwantu sabitu ħati ta' l-akkuża kif miġjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena u ħtija skond il-liħi, u f'każ li din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li jiġi mposta piena aktar ekwa u ġusta għal każ odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant Francis (Tarcisio) Galea li huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u ċioe';

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

Illi fl-ewwel lok kif irriżulta mix-xhieda ta' Claudio Diacono, l-appellant huwa direttur ta' Holden Development Company Limited u mhux ta' Holden Company Limited kif indikata fuq l-akkuża. Illi l-appellant ġie akkużat fil-vesti tiegħu ta' direttur u mhux għaliex ikkommetta xi reat personalment. Illi minkejja illi telgħet tixhed ir-rappreżentata tal-MBR, il-prosekuzzjoni naqset illi titlob korrezzjoni u dan in-nuqqas jikkonsisti f'kelma nieqsa fl-isem tal-kumpanija; Inoltre ma nġiebet ebda

prova illi s-soċjeta' Holden Developments Limited topera l-lukanda Ramla Bay Resort in kwantu illi dan ma ġiex ikkonfermat minn xi rappreżentattal-MTA jew awtorita' oħra illi toħroġ il-liċenzji relattivi. Illi l-korrispondenza eżebita mill-prosekuzzjoni qatt ma' tista' bħala prova ta' dan. L-akkuża hija ċara u biex treġġi kellu jirriżulta **kemm illi** l-appellant huwa d-direttur tal-kumpanija Holden Company Limited ( li mhux in vista tal-iżball) **kif ukoll** li huwa l-persuna responsabbli minn 'Ramla Bay Resort'. Ċertament illi bejn l-iżball fl-isem tal-kumpanija u l-fatt illi ma saret ebda prova illi l-appellant huwa persuna responsabbli minn 'Ramla Bay Resort' dan għandu jgħaddi favur l-imputat għaliex iż-żewġ rekwiżiti fattwalment ma jirriżultawx mill-provi sa;-grad rikjest mil-liġi.

Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost il-prosekuzzjoni **naqset milli ġġib l-aqwa prova**. Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti naqqset milli tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li f'dan il-każ minn effettivament u allagetamnt għamel *on-site inspection* ma xehedx jew addiritura xehed u ma semma xejn dwar din l-ispezzjoni. Ic-CEO Marijom Abela xehed illi lanqas kien jaf li kien hemm applikazzjoni u kkonferma illi l-inspectors għamlu spezzjoni u rraportawlu. Huwa qal li " *għandu l-persuni wkoll".* Stqarr illi għażel li jmur għall-azzjoni kriminali. L-unika prova ta' spezzjoni tinsab a fol 34 tal-proċess fejn jingħad Paul Azzopardi u Andre Zammit marru fuq il-post u kien hemm preżenti Matthew Valletta bħala rappreżentat tar-Ramla Bay Resort. Ir-ritratti eżebiti u r-rapport , jekk tista' ssejjaħlu tali ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament stente illi Paul Azzopardi ma xehedx u Andre Zammit minkejja illi tela' jixhed ma semma xejn fuq l-ispezzjonijiet u ma kkonferma ebda dokumenti. Fil-fatt qal, " *M'għandix informazzjoni tat-2020 jiena jiġifieri ma nafx għaliex qed tirreferi."* Ċertament dan ma jissodisfax il-grad ta' prova rikjesta fil-kamp kriminali. Matthew Valletta ma tharrikx biex jikkonferma l-preżenza tiegħu fl-ispezzjoni jew xi forma ta' involviment

Fit-tielet lok mil-Ewwel Qorti donnha tat piż lix-xhieda ta' Andre Zammit meta fix-xhieda tiegħu fuq talba tal-Qorti stess, stqarr illi l-Awtorita' ġiet konxja tal-allegat reat mill-"*formola*". Il-Qorti staqsiet, "*Inthom ġejtu aware għax irċivejtu dik il-formola?*" fejn huwa kkonferma u fuq mistoqsija tal-Qorti jekk din kienitx mimlija *"mis-sinjur li kellu*

*l-istorage*" huwa jirrispondi "*iva*". L-akkuża hija ċara: **fix-xhar ta' Marzu,2020**, u fix-xhur ta' qabel. Fattwalment il-"formola li ingħatat daqshekk piż hija datata fl-24 ta' Novembru,2018 u mhux iffirmata mill-appellant imma minn Matthew Valletta li ma tħarrikx biex jixhed mill-prosekuzzjoni. Illi b'kull rispett, lanqas ma nġiebet prova li l-lukanda kienet addirittura miftuħa f'dak il-perijodu u għalhekk ċertament ma nġiebet ebda prova illi kien qed jiġi operat ħżin ta' petrolium f'Marzu 2020 aħseb u ara **f'Marzu 2020 u fix-xhur ta' qabel**. L-ewwel Qorti kellha timxi fuq l-akkużi li kellha quddiemha u tevalwhom mal-provi prodotti li ċertament qatt ma jistgħu jirriżultaw f'kundanna fil-kamp kriminali in kwantu illi kif intqal mhux talli ma ġewx ippruvati l-akkużi żgur ma ġewx pprovati fil-konfront tal-appellant u dana dejjem skond kif inħarġet l-akkuża.

Fir-raba lok l-appellant jixtieq li bl-akbar umilta' jissottometti illi jekk din il-Qorti xorta tħoss li għandha ssib ħtija, li l-piena inflitta kienet eċċessiva meta huwa ċar illi ma kien hemm ebda intenzjoni sabiex ikun hemm xi reat kriminali imma sempliċiment każ ta' burokrazzija estensiva. Tajjeb li jingħad li f'sitwazzjoni simili huwa rari li tittieħed azzjoni kriminali u jekk ikun il-każ li tittieħed azzjoni din tkun ta' natura amministrattiva.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali ntavolata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Settembru, 2023

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-partijiet jaghmlu s-sottomisjonijiet taghhom nhar is-17 ta' Novembru, 2023.

Ikkunsidrat,

Illi permezz tal-**ewwel aggravju** tieghu l-appellant jghid illi huwa d-direttur tal-kumpanija Holden Development Company Limited u mhux Holden Company

Limited kif indikat fuq il-kumparixxi. In oltre, l-appellant isostni illi ma ngiebet l-ebda prova illi s-socjeta' Holden Developments Limited topera l-lukanda Ramla Bay Resort. L-appellant isostni illi ma tressqet l-ebda prova illi huwa l-persuna responsabbli mir-Ramla Bay Resort.

Illi b'harsa lejn fol.1 tal-process, din il-Qorti tinnota illi fuq ic-citazzjoni hemm imnizzel is-segwenti:

> *'Nakkuzah talli fix-xahar ta' Marzu, 2020 u fix-xhur ta' qabel, bhala d-direttur ewlieni tal-kumpanija 'Holden Company Ltd' (C109) u bhala persuna responsabbli min'Ramla Bay Resort'…*

Din il-Qorti taghmel referenza ghad-dokument ipprezentat mix-xhud Claudia Diacono ghan-nom tal-*Malta Business Registry* u li gie esebit bhala Dok CD1 a fol. 24 et seq tal-process. Fol. 25 hemm imnizzel dawn il-kliem:

> *'Extract from the Registered Documents*
> *of*
> *Holden Development Company Limited*
> *Registration No C 109..'*

Illi jigi nnutat illi in-numru tal-kumpanija mnizzel fic-citazzjoni, huwa l-istess numru mnizzel fid-dokument CD1 u cioe' C109. Mill-esperejnza taghha, din il-Qorti taf illi dan in-numru jkun numru uniku abbinat ma kumpanija wahda. Ghaldaqstant fil-fhema ta' din il-Qorti ma hemmx dubbju illi l-appellant huwa d-direttur tal-istess kumpanija, u dan minkejja l-fatt tal-ommisjoni tal-kelma *'Development'* fic-citazzjoni. Kien ikun ahjar li kieku l-isem tal-kumpanija gie korrett fuq il-kumparixxi, madankollu l-gurisprudenza regolanti l-istess kumparixxi tishaq fuq il-fatt li fejn ikun hemm diskrepanza bejn dak imnizzel fic-citazzjoni ghal dak li jirrizulta fil-kwerela u quddiem il-Qorti, **huwa dak li jirrizulta quddiem il-Qorti li jipprevali u mhux dak li jkun miktub fic-citazzjoni**. Dan dejjem sakemm ma jkunx hemm diskrepanzi kbar

tali li l-akkuza ma tkunx sostenibbli. Dak li l-imputat fi procediment quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghandu dritt ghalih huwa li, meta jirrizulta li hemm diskrepanza bejn dak li hemm fic-citazzjoni u dak li jirrizulta mill-provi, jinghata l-opportunita' li jiddefendi ruhu dwarha. Dan qieghed jinghad sakemm dik id-diskrepanza, ossija *variance*, ma tkunx tirrendi l-imputazzjoni tant incerta li allura tkun nulla minnha nnifisha. Madankollu, dan zgur mhux il-kaz f'dawn il-proceduri.

L-appellant jargumenta wkoll illi ma ngieghbet l-ebda prova li turi li hu l-persuna responsabbli mir-Ramla Bay Resort. B'referenza ghal dan, din il-Qorti taghmel referenza ghal Dok AB1, ipprezentat minn Dr Andre Buttigieg, specifikament b'referenza ghal fol. 203 u 221 b'mod rispettiv. F'dawn iz-zewg formoli, wiehed jista' jinnota kif l-appellant indika l-indirizz tal-lukanda Ramla Bay Resort u ghalhekk ma hemmx dubbju tar-relazzjoni tal-istess appellant li huwa d-direttur ta' Holden Development Co Ltd (C 109) u li hu wkoll responsabbli ghar-Ramla Bay Resort. Ghalhekk, in vista tas-suespost, l-ewwel aggravju tal-appellant qieghed jigi michud.

**<u>Fit-tieni aggravju</u>** tieghu l-appellant qieghed jecepixxi illi l-prosekuzzjoni naqset milli ggib l-aqwa prova. Sabiex din il-Qorti tkun tista' tevalwa tassew jekk il-prosekuzzjoni tkunx gabet l-aqwa prova, ikun jehtieg li din il-Qorti tevalwa l-provi u l-evidenza migjuba quddiem l-Ewwel Qorti.

**<u>L-inginier Marjohn Abela</u>**[1] xehed nhar it-22 ta' Novembru, 2022 fejn qal li qed jirraprezenta ir-Regolatur tal-Energija, tas-Servizzi tal-Energija u tal-Ilma. Qal li huma kienu jafu li l-appellant qed jopera *secondary storage* tal-fuel skont S.L. 545.22 u ghal dan huwa ghandu bzonn awtorizzazjoni tar-Regolatur. Jghid li huma kkomunikaw diversi drabi mieghu u li l-kaz kien ilu ghaddej mis-sena 2019 u sa dakinhar l-appellant kien ghadu ma rregolarizzax ruhu u ma kellux awtorizzazjoni sabiex izomm l-istorage tal-fuel li kellu. Ikkonferma li kien hemm xi spezzjonijiet u jghid li ghandu persuna wkoll. Infatti kkonferma li ufficjal tar-Regolatur ghamel spezzjoni u rrapurtalu li kien hemm *secondary storage* tal-fuel. In kontro-ezami ikkonferma li f'dan

[1] Fol. 13 et seq tal-process.

il-kaz ma kienx hemm multa amministrattiva, izda pprocedew mill-ewwel b'azzjoni kriminali.

**Andre Zammit**[2] xehed nhar it-22 ta' Novembru, 2022 fejn qal illi l-pozizzjoni tieghu fi hdan ir-Regolatur hija ta *analyst* u jevalwa applikazzjoni ghal *fuel storages*. Jghid li fir-rigward tal-appellant hemm applikazzjoni li ghadha qed tigi pprocessata. Din l-applikazzjoni hi ghall-hazna ta' *fuel, diesel jew gas oil* li kien qed jinhazen fil-hotel ghall-uzu personali taghhom u cioe' min juza l-hotel. Xehed illi l-ewwel applikazzjoni kienu rcivewha fis-26 ta' Gunju, 2019 izda ma kienitx kompluta u kella tigi riveduta. Ikkonferma li meta hu xehed quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant kien ghadu mhux awtorizzat mir-Regolatur.

In kontro-ezami spjega illi hu beda jahdem fuq dan il-kaz f' April 2018 fejn kien ikkomunika mal-kumpanija. Dak iz-zmien ma kienx ghad hemm applikazzjoni maghhom u ma kienux jafu x'hemm u x'm hemmx *on site*. Huma kienu baghtu ittra u formola ta' pagna sabiex il-kumpanija timla u tiddikjara xi *storages* kellhom. Din il-formola kienu rcivewha lura f'Novembru , 2018 fejn kienu mtlew ammont ta' tankijiet minn dak iz-zmien zgur. Ikkonferma li huma gew konxji ghaliex ircevew dik il-formola. Huma taw struzzjonijiet sabiex timtela l-applikazzjoni ufficjali flimkien mad-dokumenti ohra sabiex fl-ahhar tinhareg l-awtorizzazjoni mir-REWS. L-applikazzjoni ma kienitx kompluta sa Gunju 2019 u kien ghadda iktar minn sena zmien minn meta bdew il-komunikazzjoni mal-kumpanija.

**Claudia Diacono**[3] xehedet nhar it-22 ta' Novembru, 2022 fejn qalet li hija *Administrative Assistant* fi hdan il-*legal office* tal-Malta Business Registry. Hi pprezentat il-Memorandum and Articles tas-socjeta' Holding Development Company Limited li gew immparkati bhali dok CD1.

[2] Fol. 17 et seq tal-process.
[3] Fol. 22 et seq tal-process.

**Dr Andre Buttigieg**[4] xehed nhar it-22 ta' Novembru, 2022 fejn qal li hu jokkupa l-pozizzjoni ta' legal advisor mar-Regolatur. Hu pprezenta sensiela ta' dokumenti[5] li jinkludu komunikazzjonijiet u applikazzjoni li kienu jibdew mis-sena 2018. Dawn gew immarkati bhala Dok AB1.

Il-Qorti fliet id-dokumenti kollha esebieti, inkluz Dok AB li jikkonsisti f'iktar minn dokument wiehed u li jinkludu s-segwenti;

1. Applikazzjoni tal-Formola bl-isem *'Form to Return to the Regulator for Energy and Water Services'* mimlija ghan-nom ta' Holden Development Co Ltd/Ramla Bay Resort u datata it-22 ta' Novembru, 2018;[6]
2. Email mibghut minn Andre Zammit ghan-nom tar-regolatur nhar is-29 ta' Novembru, 2018 lir-raprezentant ta' Ramla Bay Resort. *In breve* Zammit kien baghat applikazzjoni li kellha tigi kompluta u *submitted* sal-Hamis, 31 ta' Jannar, 2019;[7]
3. Ittra mibghuta lill-appellant mill-Ing Marjohn Abela datata is-7 ta' Marzu,2019 bhala Final notice. Din l-ittra kienet tghid li kien jeghtieg li tintbghat l-applikazzjoni kompluta lir-regolatur mhux aktar tard minn tletin jum minn meta jircievu l-ittra;[8]
4. Ittra registrata datata l-5 ta' Gunju, 2019 mibghuta ghan-nom tar-regolatur lill-Kummisarju tal-Pulizija sabiex jipprocedi kriminalment kontra *Holden Development Company Limited;*[9]
5. Applikazzjoni mimlija minn Holden Development Company Ltd u li jidher li r-regolatur irceviha nhar is-26 ta' Gunju, 2019;
6. Korrispondenza bejn ir-regolatur u Ramla Bay Resort dwar il-fatt li l-applikazzjoni ma kienitx kompluta u li certu dokumenti kien ghad baqalhom

[4] Fol. 201 et seq tal-process.
[5] Vera kopji tal-originali.
[6] Fol. 203 tal-process.
[7] Fol. 204 tal-process.
[8] Fol. 205 tal-process.
[9] Fol. 206 tal-process.

jintbghatu lir-regolatur. Din il-korrispondenza datata Is-26 ta' Gunju, 2019, 11 ta' Lulju, 2019 u 17 ta' Lulju, 2019;[10]

7. Email fejn Fil-25 ta' Lulju, 2019 Bartolo ghan-nom ta' Ramla Bay Resort baghat numru ta' dati fejn fihom kellha ssir is-sottomissjoni ta' xi dokumenti hekk kif kien rikjest;
8. Email fejn nhar l-14 t' Awwissu, 2019 ir-regolatur baghat lil Bartolo wara li kienet saret spezzjoni mir-regolatur. Dan l-email gie segwit b'email iehor data it-22 t' Ottubru, 2019 bhala *reminder* u li tah sa' l-1 ta' Novembru, 2019 sabiex iwiegeb;
9. Email fejn nhar is-16 ta' Novembru, 2021 Joseph Saliba *bhala Maintenance Manager* ghan-nom ta' Ramla Bay Resort baghat lir-regolatur fejn infurmah illi l-lukanda kienet qed tigi renovata u ma kienx qed jintuza *fuel*;
10. Email mibghut mir-regolatur nhar l-10 ta' Frar, 2022 lil Saliba u Bartolo ghan-nom ta' Ramla Bay Resort, fejn gew mitluba li jsiru xi klarifiki u peress li kien hemm numru kbir ta' emendi, kien hemm bzonn li l-applikazzjoni terga' tigi sotomessa mill-gdid.

Sabiex persuna tigi misjuba hatja, il-Ligi kriminali ma tehtiegx li din tkun stabbilita b'certezza assoluta. Il-Ligi tal-procedura Maltija hija imnissla mis-sistema Ingliza fejn huwa mehtie li biex Qorti ta' Gustizzja Kriminali tkun tista' ssib htija f'akkuzat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni in bażi ghall-provi imresqa minnha.

Il-Qorti tkun tista' tasal ghal din il-konkluzjoni biss wara li tkun gharblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jigifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-ahhar mill-ahhar dik il-Qorti trid tkun zgura moralment, li l-kaz sehh skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

[10] Fol. 210 et seq tal-process.

Dan huwa l-oghla livell ta' prova li l-Ligi tehtieg biex tinstab htija; livell li huwa anqas mic-certezza assoluta, izda li huwa oghla mill-bilanc tal-probabbilitajiet.

Fil-kaz Ingliz **Majid**,[11] Lord Moses stqarr hekk :

> *'Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.'*

Inoltre, fil-ktieb taghhom *The Modern Law on Evidence,* Adrian Keane u Paul McKeown[12] jgħidu s-segwenti : -

> *'In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty'*

Meta jigi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi procedimenti kriminali, l-Imhallef William Harding kien xi drabi jirreferi ghal dal-kuncett bhala l-principju **tas-sikurezza**. Hekk per ezempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deciza mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-kaz, in bazi ghall-provi migjuba quddiemha hija setghet tasal b'sikurezza ghall-konkluzjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jigi pruvat in bazi ghal sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

[11] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[12] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

Illi huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, ibbazat fuq ir-raguni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, cioe' d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stharrig dettaljat u b'attenzjoni, b'diligenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu gew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza li mbaghad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jinghad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni ma jkunx intlahaq; u li allura bhala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-hati tal-akkuzi migjuba kontrih.

Meta l-partijiet fi proceduri penali, jaghzlu li jressqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, cioe' jridu jressqu l-ahjar prova li tkun tista' tigi prezentata fil-kaz konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, gie ritenut is-segwenti:

> *'Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*
>
> *L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn*

*dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.*

Illi din il-Qorti wara li fliet l-atti u l-evidenza kollha, tirokonoxxi l-fatt li kien hemm xi xhieda li ma tharkkux mill-prosekuzzjoni. Madankollu, meta tara l-evidenza kollha migjuba quddiem l-Ewwel Qorti, b'applikazzjoni tal-buon sens u l-fatt li Qorti ghandha s-setgha li anke tistrieh fuq xhud wiehed jekk emmnut, jidrilha illi l-prosekuzzjoni rnexxila ggib provi 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni fil-kaz odjern u ghalhekk qedgha tichad it-tieni aggravju mressaq mill-appellant.

**<u>It-tielet aggravju</u>** tal-appellant jikkoncerna l-fatt illi l-akkuza tirrigwardja '*fix-xhar ta' Marzu, 2020 u fix-xhur ta' qabel'* madankollu l-formola li inghatat daqstant piz hi datata nhar l-24 ta' Novembru, 2018. L-appellant isostni li ma ngieghbet l-ebda prova illi kien qed jigi operat hzin ta' petroleum f' Marzu, 2020 u fix-xhur ta' qabel. Illi din il-Qorti sejra tghaddi sabiex taghmel referenza ghal dak li xehed ix-xhud Andre Zammit, fejn mistoqsi mill-Qorti jekk f' Marzu 2020 fix-xhur ta' qabel kienux ghadhom gew licenzjati, dan wiegeb fin-negattiv. In oltre, lanqas ma waqaf il-hzin taz-zejt ghaliex il-process tal-applikazzjoni da parte l-kumpanija Holden Development Co Ltd u/jew Ramla Bay Resort ma giex imwaqqaf. Jigi nnutat fol. 228 tal-process illi nhar is-16 ta' Novembru, 2021 ntbghatet email minn Joseph Saliba bhala Maintenance Manager ghan-nom tar-Ramla Bay Resort fejn kien infurma lil Andre Zammit ghan-nom tar-Regolatur li l-lukanda kienet ghaddeja minn xi renovazzjonijiet u ma kienx qed jigi wzat *fuel*. Minkejja dan hu tenna li saret spezzjoni minn individwu professjonali u li

kien ser jgib id-dokumentazzjoni fil-jiem li gejjin. Ghalhekk ma hemmx dubju li l-applikazzjoni kienet ilha pendenti sa mis-sena 2019 u li sal-10 ta' Frar 2022[13] kien ghad hemm xi affarijiet pendenti sabiex tigi konkluza l-applikazzjoni. In vista tas-suespost, din il-Qorti qedgha wkoll tichad it-tielet aggravju mressaq mill-appellant.

**Ir-raba' aggravju** tal-appellant huwa dwar il-piena nflitta u peress li din kienet wahda eccessiva. Kif gie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deciza nhar il-25 ta' Awissu 2005 :

> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*
>
> *"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might*

[13] Ara Dok AB1- l-email esebit a fol.227 tal-process.

*have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence d offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

Il-Qorti trid taghmel l-evalwazzjoni taghha dwar jekk il-Qorti tal-Magistrati applikatx piena li kienet manifestament eccessiva meta wiehed jiehu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb</u>**, deciza nhar il-15 ta' Dicembru 2005, din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell ma ddisturbatx is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliciment ghaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ogħha minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku taghti kieku kienet hi li qeghda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien mehtieġ li l-appellant juri li l-piena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati kienet tohrog barra mill-parametri tal-piena jew mizuri applikabbli ghall-kaz. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma zbaljati fil-principju, ghalkemm ikunu jidhru li huma pieni horox ghal xi Gudikanti. Biex piena moghtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tigi mibdula jrid jigi pruvat li kien hemm xi zball fil-principju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena.

Fis-sentenza **<u>Ir-Repubbblika ta' Malta vs Carmen Butler et</u>** deciza nhar is-26 ta' Frar 2009 gie mistqarr ukoll is-segwenti:

> *Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.*

Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-piena erogata hija wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi u li mhux xi wahda eccessiva meta wiehed jikkunsidra li l-appellant seta' jehel massimu ta' disgha u sittin elf euro (€69,000) multa. Ghaldaqstant dan l-ahhar aggravju qieghed jigi wkoll michud.

In vista tas-suespost, din il-Qorti qedgha tichad l-aggravji kollha mressqa mill-appellant Francis (Tarcisio) Galea u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier taghha.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef